MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 384/2008

**Mobisle Communications Limited (C – 24655)**

**vs**

**Alfred Camilleri**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, erba' mija u erbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmi (€1,414.88), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond *Client Contract Number* 1014509 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Gunju, 2007 u Ottubru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentant kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ elf, erba’ mija u erbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmi (€1,414.88), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------